MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 514/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**VS**
**MARIO ATTARD**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Attar ta' 41 sena, bin Anthony u Salvina nee' Gialanze, mwieled l- Awstralja fil- 5 ta' Mejju 1971, residenti 368, North Rocks, Triq Santa Domenica, Haz-Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 222288M;

Talli ;

1) nhar l- 14 ta' Marzu 2010 ghal- habta tal- 4.30 pm, filwaqt li kien fi Triq Santa Domenica, gewwa Haz-Zabbar, volontarjament ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Fiat, mudell Fire u li ghandha n- numru tar-

registrazzjoni DAU 062, ghad- dannu ta' Raymond Caruana u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal €507.40;

2) nhar l- 14 ta' Marzu 2010 filwaqt li kien fi Triq Gebel Hanxul, gewwa Wied il- Ghajn, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Raymond Caruana, skont kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar Delia MD it- tabib mic- Centru tas- Sahha ta' Rahal Gdid;

3) aktar talli nhar l- 14 ta' Marzu 2010 filwaqt li kien fi Triq Gebel Hanxul, gewwa Wied il- Ghajn, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Doriann Vella, skont kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar Delia MD it- tabib mic- Centru tas- Sahha ta' Rahal Gdid;

4) ukoll talli nhar l- 14 ta' Marzu 2010 f' hinijiet differenti tal- gurnata, rab ruhu b' tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew messu kien jaf li b' tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza';

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 221, 251(b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnhom.
Issib lill- imputat hati tat- tieni (2) u t- tielet (3) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------